MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 899/2005

**Thomas Smith Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Saviour Mifsud**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija w erba' liri Maltin (Lm104) rapprezentanti drittijiet spettanti lill-avukat kif ukoll spejjez gudizzjarji in konnessjoni mal-kawza fl-ismijiet Elmo Insurance Limited noe Vs Salvatore Mifsud deciza mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fit-22 ta' Gunju, 2004 u dan wara li l-konvenut, minkejja d-diversi nterpellazzjonijiet li sarulu min-naha tal-kumpanija assiguratrici, naqas li jhallas is-somma ta' hamsin lira Maltin (Lm50) *excess* sabiex il-kumpanija assiguratrici tkun tista' tassumi r-

responsabbilta' ghall-incident awtomobilistiku fejn il-konvenut kien involut u li sehh fit-22 ta' Jannar, 2004 gewwa tas-Sliema u jhallas id-danni relattivi lill-kontro-parti.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija w erba' liri Maltin (Lm104), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------